**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW STRAORDINARJU LI LTAQA' L-ERBGĦA, 24 TA' SETTEMBRU 2015 U DWAR IS-70 SESSJONI TAL-ASSEMBLEA ĠENERALI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA LI SARET BEJN IT-TNEJN, 28 TA' SETTEMBRU U L-ĠIMGĦA, 3 TA' OTTUBRU 2015**

Sur President,

Qiegħed hawnhekk illum biex nagħmel stqarrija ministerjali fir-rigward tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew Straordinarju li ltaqa' l-Erbgħa, 24 ta' Settembru 2015 u dwar is-70 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda li saret bejn it-Tnejn, 28 ta' Settembru u l-Ġimgħa, 3 ta' Ottubru 2015, iżda qabel nibda ippermettili – minħabba ċ-ċirkostanzi tal-inċident li nqala' l-bieraħ – nesprimi min-naħa tal-Gvern, u żgur min-naħa ta' kulħadd, is-solidarjetà tagħna lejn il-persuni li weġġgħu u l-famljari tagħhom. Ilbieraħ kelli l-okkażjoni nżur l-isptar għal ħin qasir – anki għaliex nemmen illi f'dak il-ħin irridu nħallu l-professjonisti jaħdmu u jkollhom l-ispazju kollu – għaliex ħassejt li kien fid-dover tiegħi illi mmur hemmhekk; kont impressjonat bil-kbir bis-serjetà u l-professjonalità li ġabu ruħhom bihom il-persuni kollha involuti, speċjalment l-i*staff* tal-Emerġenza, il-Pulizija, u dawk kollha involuti, f'każ li fortunatament ma tantx naraw bħalu, anke minħabb l-iskala tiegħu. Jidher li laħħqu maċ-ċirkostanzi kollha li nqalgħu, u nixtieq minn hawnhekk insellem lit-tobba, lin-*nurses*, lill-Pulizija, lill-paramediċi u lil dawk kollha li taw sehemhom ilbieraħ.

Nixtieq nirrapporta lil din il-kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew, nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2015. Qiegħed ukoll inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-istqarrija finali tal-Kunsill Ewropew.

Dan il-Kunsill straordinarju ffoka biss fuq l-immigrazzjoni wara li fis-sajf, dan il-fenomenu li ilna nesperjenzaw is-snin, laqat in-naħat ta' fuq tal-Ewropa.

Tajjeb ngħid li l-Kunsill Ewropew din id-darba sar fi sfond partikolari. Lejliet is-summit, il-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern iddeċieda favur sistema mandatorja ta' kwoti biex jiġu rilokati 160,000 refuġjat li waslu l-Italja, il-Greċja u l-Ungerija. Din id-deċiżjoni ttieħdet

abbażi ta' maġġoranza kkwalifikata u l-immigranti jitqassmu bejn l-Istati Membri fuq medda tas-sentejn li ġejjin.

B'mod konsistenti, Malta offriet li tieħu l-parti tagħha. Fil-fatt mill-160,000 refuġjat, Malta jmissha tieħu 189 refuġjat fuq medda ta' sentejn. Żgur li dan in-numru ta' persuni huwa numru li bħala pajjiż nifilħu. Ġieli kellna dgħajjes b'iktar minn dak l-ammont ta' persuni li daħlu f'darba.

Imma apparti n-numru – li fid-djalettika tagħna ma kienx kruċjali – żammejna l-pożizzjoni tal-konsistenza. Offrejna u wrejna solidarjetà bil-fatti, mhux bil-kliem biss.

Iktar minn hekk, kienet tinħass li meta ffaċċjajna l-istess diskussjonijiet dwar l-immigrazzjoni li kellna ftit tal-ġimgħat ilu, id-diskors ta' wħud mill-mexxejja nbidel għax illum qed jgħixu r-realtà. Aħna bħala pajjiż, u bħalna l-Italja, ma kellniex għalfejn inbiddlu l-pożizzjoni tagħna.

Il-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u tal-Intern u l-Kunsill Ewropew straordinarju bagħtu sinjali politiċi qawwija ħafna.

L-ewwel nett il-fatt li d-deċiżjoni ttieħdet b'maġġoranza kkwalifikata jfisser li hemm maġġoranza ta' Stati Membri li mhumiex lesti li jibqgħu ostaġġi ta' dawk li mhumiex lesti li jaqsmu l-piż. Filwaqt li nirrispettaw il-pożizzjoni tagħhom, ma naqblux magħha.

It-tieni nett li sa fl-aħħar, dak li ilna nisħqu fuqu bħala pajjiż, li l-qsim tas-solidarjetà ma tkunx volontarja, saret realtà.

B'hekk nistgħu nistennew solidarjetà konkreta mill-UE jekk kemm-il darba pajjiżna jaffaċċja kriżi bħalma kellna fis-snin li għaddew.

**PRIJORITAJIET MAQBULA**

Matul il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ġie maqbul li l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri għandhom jibdew jaħdmu b'ritmu mgħaġġel fuq il-*Priority Actions* li pproponiet il-Kummissjoni Ewropea. Fost l-oħrajn, qabel il-Kunsill Ewropew skedat għal Ottubru:

1. Għandha tingħata għajnuna ta’ mhux inqas minn biljun ewro lill-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tal-Ġnus Magħquda, l-World Food Programme u aġenziji oħra li jgħinu lir-refuġjati;
2. Għandhom jiġu assistiti l-Libanu, l-Ġordan u t-Turkija, kif ukoll pajjiżi oħra li qed jiġu milquta minn influss qawwi ta’ refuġjati Sirjani, fosthom permezz ta’ żieda fl-*EU Regional Trust Fund*;
3. Għandu jissaħħaħ id-djalogu mat-Turkija;
4. Għandhom jiġu megħjuna l-pajjiżi tal-Balkani li minnhom qed jgħaddu numru ta’ refuġjati, anke permezz ta’ *pre-accession funds*;
5. Għandu jiżdied l-*Emergency Trust Fund for Stability* sabiex jiġu indirizzati l-kawżi li jwasslu għall-immigrazzjoni mill-Afrika;
6. Għandha tingħata għajnuna lill-Istati Membri li jinsabu fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea sabiex jibda proċess ta’ rilokazzjoni u ripatrijazzjoni sa Novembru 2015;
7. Għandhom jingħataw riżorsi ikbar lill-Frontex, l-EASO u l-Europol;
8. U li għandhom jiżdiedu l-fondi tal-*Emergency Fund for Asylum, Integration & Migration* u *l-Internal Security fund-Borders*.

Saret sejħa għal sforz internazzjonali, immexxi mill-Ġnus Magħquda, biex tiġi fi tmiemha l-gwerra fis-Sirja u biex jiġi ffurmat Gvern ta’ għaqda nazzjonali fil-Libja.

L-azzjonijiet li għandhom jiġu mħaddma għandhom ukoll jiġu kumplimentati mit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tas-Sistema Komuni tal-Ażil fi ħdan l-Unjoni Ewropea. F’dan il-kuntest, qbilna li hu importanti li għandhom jiġu maħluqa kundizzjonijiet li jagħmluha possibbli li kull Stat Membru jkun jista’ jipparteċipa bis-sħiħ fis-sistema ta’ Dublin.

Fl-interventi tiegħi għedt ċar u tond li l-bini ta’ ħitan biex l-immigranti ma jidħlux f’pajjiż jew ieħor mhuwiex soluzzjoni. Stqarrejt ukoll illi Malta ma tistax ittella’ ħajt ġol-baħar. L-għażla tagħna tkun dejjem bejn li ssalva l-ħajja ta’ dawk abbord ta’ dgħajsa fil-periklu, jew le. L-għażla ovvja tagħna hi li nsalvaw il-ħajja ta’ kull persuna li tkun fil-periklu.

Argumentajt, li l-idea li nistgħu ntellgħu ħajt biex nipproteġu lilna nfusna mhi xejn ħlief illużjoni. Tista' għal xi żmien tinstema' bħala soluzzjoni għal ċertu pajjiżi, però żgur ma tistax tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea.

Irridu nkunu aħna li ngħidu li hemm bżonn ta' regoli ġodda li jaħdmu fir-realtajiet tal-lum. Ix-xahar id-dieħel Malta se tkun qed torganizza u tospita l-Valletta Summit. Summit importanti li se jkun qiegħed ilaqqa' lill-mexxejja tal-pajjiżi Ewropej flimkien ma' dawk fl-Afrika, u li se jkun qiegħed jiddeċiedi numru ta' inizjattivi ġodda u importanti fil-kuntest globali.

Dan is-Summit mhux se jsolvi l-problemi kollha tal-kwistjoni tal-immigrazzjoni. Iżda t-tama tiegħi hija li, fid-djalogu li se jkollna bejn mexxejja Ewropej u Afrikani, iż-żewġ naħat jaslu għal soluzzjonijiet *medium* u *long-term* biex nibdew insolvu din il-problema. Min-naħa tagħna, se nkomplu nibnu fuq il-qbil li se jkun intlaħaq anke fir-*run-up* u waqt il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017.

Ħdimna biex pajjiżna ma jibqax sempliċiment spettatur u tallab fuq il-kwistjoni tal-immigrazzjoni, iżda ħadna l-inizjattiva biex ngħinu li jibdew jinbidlu l-affarijiet.

**ĠNUS MAGĦQUDA**

Dan il-messaġġ kontra l-i*status quo* wassalnieh ukoll waqt is-sebgħin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, li nixtieq ukoll nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li twettaq matulha.

Ftit ġimgħat biss qabel pajjiżna jospita l-Valletta Summit, li diġà semmejt, kif ukoll il-laqgħa tal-pajjiżi tal-Commonwealth kellna l-opportunità li f'New York inwasslu l-messaġġi meħtieġa lill-mexxejja dinjin biex jaslu f'Malta b'attitudni kostruttiva ta' inqas kliem u aktar riżultati.

**DISKORS LILL-ASSEMBLEA ĠENERALI**

Fis-sebgħin anniversarju tal-Ġnus Magħquda kien naturali li nsaqsu jekk intlaħaqx l-għan li għalih twaqqfet din l-organizzazzjoni fis-seklu li għadda. M'hemm ebda dubju li l-Ġnus

Magħquda tat kontribut enormi għall-ġlieda kontra l-mard, għall-insistenza favur il-ġustizzja, il-libertà u d-drittijiet tal-bniedem u għat-tixrid tal-paċi f'diversi partijiet tad-dinja. Kienu sebgħin sena ta' impenn miċ-ċittadini globali għal dinja aħjar u nemmen li hemm ħafna li bih nistgħu nkunu kburin.

Id-domanda iżda hija jekk il-Ġnus Magħquda, fid-dinja differenti tal-lum, hijiex se tibqa' kapaċi li taffaċċja l-isfidi. Sfidi ġodda li qed iwasslu fost oħrajn għal kunflitti u diskriminazzjoni. Il-kriżi umanitarja tal-immigrazzjoni hija waħda minnhom.

Pajjiżna qed jagħmel il-parti tiegħu. Aħna l-unika stat fl-Ewropa, u probabbli fid-dinja, li jiddedika mija fil-mija tar-riżorsi militari tiegħu biex isalva n-nies fuq il-baħar. Imma huwa evidenti li din mhijiex problema tal-Mediterran jew tal-Ewropa. Huwa fenomenu globali li jeħtieġ azzjonijiet globali.

Malta ilha tisħaq fuq din il-pożizzjoni għal snin twal. Konna waħedna. Illum għallinqas hemm realizzazzjoni li l-indifferenza mhijiex soluzzjoni u verament irid isir xi ħaġa. Jien kont wieħed mill-kritiċi l-aktar voċiferi fuq in-nuqqas ta' interess mill-Unjoni Ewropea.

Iżda llum dan il-kontinent huwa l-unika wieħed fid-dinja li qed joħloq kuxjenza u kontinwament jipproponi miżuri, li taqbel jew ma taqbilx magħhom, jibagħtu sinjal ċar li l-affarijiet qed jinbidlu. Issa l-komunità internazzjonali trid issewgi.

Fl-Assemblea Ġenerali sħaqt li għandna nieqfu lill-kriminali li qed jieħdu vantaġġ mid-disperazzjoni ta' persuni innoċenti. Dawn it-traffikanti iridu jsibu quddiem rispons qawwi, u globali, biex jitressqu quddiem il-ġustizzja. Għalhekk, il-bżonn ta' kooperazzjoni bejn pajjiżi differenti, infurzar aktar effettiv u pieni aktar ħarxa kontra l-kriminali li moħħhom biss biex jagħmlu profitti finanzjarji kbar.

Irridu nifhmu li ċ-ċaqliq tan-nies minn pajjiż għall-ieħor dejjem se jkun magħna. Għaliex il-bniedem dejjem ifittex li jtejjeb il-qagħda tiegħu u f'dinja dejjem aktar globalizzata se jipprova jibni futur aħjar għalih u għal familtu. Għalhekk, l-impenn konġunt tal-pajjiżi dinjin għandu jkun fil-ħolqien ta' għodda u strumenti li jindirizzaw din il-kriżi b'mod permanenti, b'qafas mhux biss umanitarju imma wkoll ekonomiku, soċjali u ambjentali li joffri attitudni proattiva u jippermetti antiċipazzjoni tal-iżbarki.

Mhux biss il-ftit pajjiżi tas-soltu għandhom jerfgħu r-responsabbiltà imma kulħadd għandu jagħmel tiegħu u jaqsam magħna dan id-dover morali. Fi kliem ieħor, m'għandux ikun hemm biss kwoti Ewropej għall-migrazzjoni imma kwoti globali.

Appellajt lill-Ġnus Magħquda biex minnufih nibdew diskussjoni konkreta dwar dan il-pass. Ma nħallux lill-kriminali jiddeċiedu għalina iżda naqbdu l-barri minn qrunu u nfasslu s-sistemi li hemm bżonn, illum qabel għada.

Għamiltha ċara li dan m'għandux jiġi interpretat bħala *free for all.* Li kulħadd jista' jaqbad u juża l-għodda li nfasslu biex ikollu migrazzjoni faċli. Nemmen li s-sistema għandha taħdem b'tali mod li min ma jikkwalifikax għall-ażil jintbagħat lura, il-pajjiżi li ma jikkoperawx jiffaċċjaw sanzjonijiet, filwaqt li l-pajjiżi li jikkolaboraw jingħataw iktar għajnuna u aċċess għas-swieq.

**LAQGĦAT OĦRA DWAR L-IMMIGRAZZJONI**

B'sodisfazzjon innutajt li l-proposta ta' kwoti globali għall-migrazzjoni ntlaqgħet b'mod pożittiv minn diversi pajjiżi fosthom l-Ungerija – il-pajjiż li kien fiċ-ċentru tal-kriżi li faqqgħet reċentement – l-Islovenja u l-Iżlanda. Il-prim ministri ta' dawn il-pajjiżi tkellmu b'mod favorevoli waqt summit ta' livell għoli mgħajjat mis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Ban Ki-moon, speċifikament fuq il-migrazzjoni.

Matulu tkellimna proprju dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi biex nindirizzaw iċ-ċaqliq tar-refuġjati. Tliet kriterji bażiċi li fuqhom hemm qbil wiesa', u li fuqhom nistgħu nibnu, huma l-bżonn ta' azzjoni kollettiva, strateġiji għat-tul u attitudni moderata u li tagħmel sens.

Issemmiet l-instabilità fin-naħa ta' fuq tal-Afrika, l-aktar fil-Libja. Il-kunflitt f'dan il-pajjiż ġar tagħna qed jipprovdi l-ispazju kollu neċessarju biex il-kriminali jittraffikaw lin-nies u jieħdu kontroll ta' partijiet importanti fil-Libja. Malta tappoġġja t-tentattivi tal-Ġnus Magħquda biex jitnieda djalogu nazzjonali favur proċess ta' rikonċiljazzjoni.

F'laqgħa informali mal-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Libja Aguila Saleh Issa esprimejt il-konvinzjoni tiegħi li f'dan il-proċess, jekk iridu li art twelidhom tieħu r-ruħ, irid jieqaf il-ġlied ostili u vjolenti. Djalogu nazzjonali għandu jsir b'mod ċivili u inklussiv. Sħaqt li, jekk ftehim ta' paċi jerġa' jfalli, nemmen li wasal iż-żmien li l-Ġnus Magħquda u l-komunità internazzjonali jaħdmu biss ma' dawk fuq iż-żewġ naħat li huma lesti jikkooperaw, u ma jaħlux iktar ħin ma' min fuq iż-żewġ naħat irid jaħli l-futur tal-poplu ġenwin.

Bl-istess mod tkellimt mal-Kap tal-Gvern Tuneżin Habib Essid. Huwa qabel mal-pożizzjoni tagħna li rridu nirrikonoxxu r-rieda u l-kuraġġ li ntwera minn min beda dan il-proċess ta' paċi li għandu l-għan li jsolvi l-kriżi istituzzjonalizzata fil-Libja. Iżda l-pajjiżi ġirien tal-Libja jridu issa jassiguraw li l-implimentazzjoni ta' kull ftehim ta' paċi jsir bis-serjetà. Il-messaġġ ċar huwa li l-paċenzja għandha limitu u ma jistax ikun li l-kriżi fil-Libja, minħabba l-ebusija tar-ras minn ftit nies taż-żewġ naħat, tkompli thedded is-sigurtà tar-reġjun u toħloq aktar kriżijiet umanitarji.

Punt interessanti, u li forsi ftit jissemma fl-Ewropa, ħareġ waqt laqgħa bilaterali oħra mal-President tal-Ghana John Dramani Mahama. Huwa spjega kif il-Ghana qed timxi ‘l quddiem ekonomikament u għalhekk qed tattira lejha numru ta’ immigranti li jaslu għandha minn pajjiżi oħra Afrikani. Nemmen li din ir-realtà ta’ immigrazzjoni fil-kontinent stess turi li hemm bżonn ta’ għajnuna mhux biss lill-pajjiżi foqra imma wkoll lil dawk li qed jiżviluppaw.

B’dan il-mod, nies Afrikani li jiffaċċjaw problemi, u qtigħ il-qalb f’pajjiżhom, jistgħu jaraw li minflok fl-Ewropa jista’ wkoll ikollhom futur f’pajjiżi oħra Afrikani li qed jimxu ’l quddiem jikbru fl-opportunitajiet u għandhom bżonn il-migrazzjoni.

Kif diġà semmejt, dawn huma kollha oqsma li aħna kommessi nidħlu fihom fil-Valletta Summit wara li ġejna fdati bl-inkarigu li nospitaw il-mexxejja involuti u naslu għal soluzzjonijiet prattiċi. Fi New York, iltqajt ukoll mal-Ministru Norveġiż Vidar Helgesen li kkonferma l-preżenza tal-Prim Ministru tiegħu f’Malta għal dan is-Summit minkejja li n-Norveġja mhijiex parti mill-Unjoni Ewropea iżda hija membru taż-żona Schengen u għalhekk hu wkoll esprima l-intenzjoni li jagħti kontribut għal riżultati konkreti.

**IT-TIBDIL FIL-KLIMA**

Tema oħra li ddominat is-sebgħin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda kienet it-tibdil fil-klima. L-esperti kollha jgħidulek li din l-isfida globali, jekk ma tiġix indirizzata sew, se tpoġġi f’riskju mhux biss l-ambjent, imma wkoll il-prosperità ekonomika dinjija, l-iżvilupp, l-istabilità u s-sigurtà. Bħall-immigrazzjoni, t-tibdil fil-klima għandha bżonn rispons globali.

Fakkart kif Malta kienet minn tal-ewwel li fetħet għajnejn il-komunità internazzjonali dwar it-theddida ta’ dan il-fenomenu. Issa Malta taspira li tiffaċilita, flimkien ma’ oħrajn, it-tfassil ta’ ftehim prattiku li jservi ta’ bażi għall-impenn konġunt mid-dinja.

U dan se nkunu qed nagħmluh waqt il-laqgħa tal-Commonwealth li se tinkludi pajjiżi minn kontinenti differenti, minn gżejjer vulnerabbli għall-akbar ekonomiji dinjin. B’deċiżjoni konxja, ersaqna ’l bogħod mill-aġenda tradizzjonali u poġġejna l-enfasi fuq l-isfida tat-tibdil fil-klima b’sessjoni ddedikata.

Din hija laqgħa li qed toħloq ħafna interess għaliex se ssir ftit jiem biss qabel il-konferenza tal-Ġnus Magħquda f'Pariġi u għalhekk Malta se tkun il-gżira li tagħmel l-almu tagħha biex tgħaqqad lill-pajjiżi tal-Commonwealth f'pożizzjoni ta' prinċipju li biha jmorru għal hekk imsejħa COP-21.

Din hija wkoll laqgħa li elevat fl-importanza tagħha hekk kif, fi New York, is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Ban Ki-Moon ikkonferma li se jattendi għaċ-CHOGM f'Malta. Sinjal ta' fiduċja li pajjiżna jista' verament jagħmilha ta' pont bejn il-pajjiżi differenti biex jintlaħaq konsenus dwar it-tibdil fil-klima.

Fil-fatt, Ban Ki-moon faħħar it-tmexxija soda ta' Malta li taħdem fuq l-iżvilupp ta' rieda politika favur l-aġenda ta' żvilupp sostenibbli. Irridu li l-Commonwealth toħroġ bi tmexxija għal futur billi ġġib flimkien il-veduti differenti dwar it-tibdil fil-klima u tersaq lejn dikjarazzjoni ta' sens komun.

Li qed iħarsu lejn Malta b'mod pożittiv għall-impenn tagħha favur it-tibdil fil-klima, kien ikkonfermat minn stedina għal-laqgħa ta' livell għoli li ssejħet mis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna biss madwar 30 pajjiż u fiha ġiet diskussa s-sitwazzjoni fin-negozjati dwar ftehim fuq it-tibdil fil-klima.

Flimkien mal-Prim Ministru Tork, konna mistiedna li nagħlqu din il-laqgħa minħabba li s-summit tal-Commonwealth u tal-G20 li se nospitaw, u li se jkunu l-aħħar konferenzi internazzjonali kruċjali biex jintlaħaq ftehim f'Pariġi.

F'dan il-kuntest irrid nirringrazzja lill-Ambaxxatur Michael Zammit Cutajar tar-rwol importanti tiegħu biex il-pożizzjoni ta' Malta tkun waħda ta' prinċipju u prattika.

Fi New York, f'diversi laqgħat bilaterali ma' pajjiżi tal-Commonwealth, wassalt il-messaġġ li pożizzjoni ta' għaqda tista' tintlaħaq f'Malta jekk dawn il-pajjiżi jużaw l-influwenza tagħhom fir-reġjun rispettiv.

Tkellimt mal-President tas-Sri Lanka Maithripala Sirisena li għadu fit-tmexxija tal-Commonwealth u għalhekk jista' jagħti l-kontribut tiegħu biex din l-organizzazzjoni tasal f'pożizzjoni komuni u tkun ta' ispirazzjoni għan-nazzjonijiet l-oħra dinjin.

Mal-Prim Ministru tal-Mauritius Anerood Jugnauth, mal-Prim Ministru tal-Fiji Josaia Voreqe Bainimarama u mal-Prim Ministru tal-Barbados Freundel Stuart, tkellimt dwar il-bżonn li, aktar minn diskussjonijiet fuq ċifri u persentaġġi, irridu issa naslu għal qbil fuq azzjoni realistika.

Bl-istess mod sħaqt mal-Prim Ministru ta' New Zealand John Key u mal-Prim Ministru tal-Antigua and Barbuda Gaston Browne. Nemmen li wara dawn il-laqgħat ma' mexxejja ta' pajjiżi tal-Commonwealth fl-erbat irjiħat tad-dinja, huma se jaslu f'Malta diġà konxji ta' x'għandna f'moħħna u fejn irridu naslu.

**IS-SUMMIT TAL-COMMONWEALTH**

Anke is-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth Kamalesh Sharma esprima l-ottimiżmu tiegħu dwar il-laqgħa f'Malta. F'laqgħa bilaterali miegħu, Sharma qal li l-avveniment f'pajjiżna jista' jkun mument importanti għal diversi oqsma. Mhux biss it-tibdil fil-klima, imma anke il-migrazzjoni, l-estremiżmu, in-negozju bejn il-pajjiżi u l-enfasi biex stati żgħar isiru ċentri ta' eċċellenza.

Sharma uża l-frażi *watershed meeting in Malta* – punt fejn nistgħu nibdlu l-affarijiet għall-aħjar. Qal li l-mexxejja kollha huma ħerqana li jaslu f'Malta għaliex jemmnu li, wara din il-laqgħa f'pajjiżna, in-nies se jaraw li l-Commonwealth tista' tkun organizzazzjoni ambizzjuża u produttiva. Mhux għaqda ċerimonjali imma organizzazzjoni relevanti li lesta tidħol għall-isfidi u li kapaċi żżid il-valur globali f'diversi oqsma.

Sur President, din hija opportunità ideali biex il-mexxejja jidħlu f'dibattitu kostruttiv fejn titwassal ukoll il-vuċi tal-Commonwealth fl-Ewropa. Għaliex nafu li, eżatt wara li nkunu fit-tmexxija tal-Commonwealth, Malta se tieħu wkoll f'idejha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea u għalhekk nistgħu npoġġu fuq l-aġenda Ewropea l-valuri tal-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-inklussività li dejjem ħaddnet il-Commonwealth.

Kien għalhekk li ħriġna b'inizjattivi ġodda. Fost oħrajn numru ta' fora bħal the People's Forum, the Youth Forum, the Commonwealth Business Forum, u għall-ewwel darba f'laqgħa tal-Commonwealth, the Women's Forum. Iva, il-forum tan-nisa se tkun ta' prijorità għaliex

Malta trid twassal messaġġ fuq livell internazzjonali dwar il-bżonn tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Ta' min isemmi wkoll li f'New York ippartecipajt f'laqgħa tal-mexxejja dinjin organizzata mis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda u l-fergħa UNWomen, flimkien mal-President taċ-Ċina, proprju dwar l-ugwaljanza u l-ħtieġa li n-nisa jingħataw aktar rwol attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

**IMPENJI OĦRA FI NEW YORK**

L-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ttik ukoll l-opportunità biex tiltaqa' ma' pajjiżi differenti u titkellem dwar oqsma varji. Laqgħa bilaterali interessanti kienet mal-Ministru Albaniż għall-Affarijiet Barranin Ditmir Bushati li miegħu stajt nitkellem fuq is-similaritajiet bejn Malta u l-Albanija bħala żewġ stati żgħar.

L-Albanija talbet lil Malta biex jibdew diskussjonijiet għal għajnuna teknika b'rabta mal-preparazzjoni tagħha għad-dħul fl-Unjoni Ewropea. Aħna qbilna ma' din it-talba filwaqt li sħaqna fuq l-importanza li l-Albanija timbotta aktar riformi, fosthom fit-twaqqif ta' istituzzjonijiet demokratiċi u indipendenti.

Dawn il-laqgħat ma jkunux biss ta' korteżija imma mod kif inġibu aktar xogħol u investiment. Kif għamilna mal-pajjiżi kollha li ltqajna magħhom, iddiskutejna wkoll mal-Albanija l-possibiltà ta' proġetti, l-aktar fil-qasam tal-enerġija fejn Malta diġà bdiet, u bi ħsiebha tkompli, tiżviluppa f'pajjiżi barranin grazzi għall-bidla fid-direzzjoni li rnexxielna nagħtu lill-Enemalta minn korporazzjoni mażżra għal kumpanija li toħloq l-opportunitajiet.

Din l-Assemblea Ġenerali kienet partikolari għaliex, qabel il-ftuħ uffiċjali tagħha, tlaqqgħu wkoll il-kapijiet tal-istati biex japprovaw l-aġenda ta' żvilupp sostenibbli li għandha l-għan li fil-ħmistax-il sena li ġejja teqred il-faqar u tagħti ħajja aħjar lil kulħadd. Malta kienet rappreżentata mill-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca li dejjem ħabbet dan il-qasam u kemm bħala Ministru kif ukoll bħala President dejjem tat l-enerġija u l-ideat kollha tagħha biex il-faqar f'Malta u lil hinn minn xtutna jiġi indirizzat.

Min-naħa tiegħi attendejt għall-avveniment issa annwali Global Citizen Festival f'Central Park fi New York li għall-aħħar erba' snin ukoll wassal messaġġ kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Eluf ta' nies minn pajjiżi differenti ngħaqdu ma' artisti, mexxejja politiċi, kapijiet ta' kumpaniji multinazzjonali u personalitajiet influwenti oħra biex juru li hemm tama għal dinja aħjar.

Jien iffukajt fuq il-ġlieda kontra l-poljo li hija marbuta mal-faqar estrem u li quddiemna għandna l-possibiltà ta' eliminazzjoni storika ta' din il-marda, li tkun it-tieni darba biss fl-istorja li tkun inqerdet marda. Waqt din l-attività inzertajt iltqajt ma' persuna li salvat mill-poljo u talabni nkun wieħed minn dawk li nimbotta 'l quddiem din il-missjoni. Dawn huma l-kisbiet li verament jistgħu jbiddlu l-ħajja ta' miljuni ta' nies fis-snin li ġejjin. L-eradikazzjoni ta' din il-marda se tkun qed titqajjem waqt il-Commonwealth Summit.

Sur President, mument ieħor sinifikanti kien it-tlugħ tal-bandiera Palestinjana barra l-bini tal-Ġnus Magħquda fi New York. Jiena kburi bil-pożizzjoni konsistenti ta' Malta u r-rwol pożittiv li kellna biex iseħħ dan l-att simboliku imma li jfisser ħafna.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas ħadt l-okkażjoni biex niltaqa', flimkien mal-President tar-Repubblika, mal-komunità Maltija f'Astoria, New York, u din id-darba f'Michigan fejn kellna laqgħat sbieħ fil-klabb Malti ta' Dearborn kif ukoll ta' Detroit. Imxew 'il quddiem f'pajjiż ieħor iżda baqgħu tassew Maltin f'qalbhom.